# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 44**

**Rikors kostituzzjonali numru 155/2020/1 LM**

**Alexander Xuereb; Nathalie Fenech; Neville Xuereb;**
**Nadya Vella; Sylvana Spiteri; Nicky Tanti**

***v.***

**Avukat tal-Istat u Awtorità tad-Djar**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet li nkisru d-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsa bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala kumpens għal dan il-ksur ordnat lill-Awtorità tad-Djar tħallashom sitta u ħamsin elf u ħames mitt euro (€56,500). L-appell jolqot il-ħelsien tal-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-*quantum* tal-kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri bħala sidien tal-fondi bin-numri 56, 67 u 70 … il-Gżira (jirriżulta li llum il-ġurnata l-appartament numru 56 jappartjeni lir-rikorrent Neville Xuereb waħdu, iżda fiż-żmien meta kienet operattiva l-ordni ta' rekwiżizzjoni li qiegħda tiġi attakkata dan il-fond kien għadu jappartjeni lir-rikorrenti indiviżament bejniethom). Dawn il-fondi kienu ġew rekwiżizzjonati u ngħataw b'titolu ta' kera lil terzi b'rata ta' kera ffissata mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali. Jirriżulta li, minkejja li wara diversi snin dawn il-fondi ġew derek-wiżizzjonati, dawn xorta waħda baqgħu okkupati b'titolu ta' kera għal diversi snin mill-inkwilini li kienu jgħixu fihom, u kien biss fi snin riċenti li dawn il-fondi rrivertew lura fil-pussess tas-sidien tagħhom wara li l-inkwilini mietu jew marru jgħixu x'imkien ieħor. Ir-rikorrenti qalu li din is-sitwazzjoni wasslet biex għal diversi snin huma ġarrew waħedhom piż sproporzjonat minħabba li l-kera li kienu jirċievu għal dawn il-fondi ma kinitx tirrifletti l-valur lokatizju tagħhom fis-suq, u li għalhekk huma sofrew leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bis-saħħa tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bis-saħħa tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.«

3. Għalhekk li l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »(i) tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġew vjolati d-drittijiet funda-mentali tar-rikorrenti għall-proprjetà tagħhom kif protetti kemm mill-ewwel atikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament, u konsegwente-ment
>
> »(ii) tillikwida u tordna l-konsegwenti ħlas tal-kumpens jew *just satis-faction* dovut mill-intimati jew min minnhom lir-rikorrenti jew liema minnhom b'riżerva għal-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti minnhom bħala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit jekk ikun il-każ u tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurgata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom hawn lament-ata.
>
> »Bl-ispejjeż … … ….«

4. Safejn relevanti għal dan l-appell, l-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezz-jonijiet

> »... … …
>
> »7. Rigward il-kumpens mitlub wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li r-rikorrenti ħallew ħafna snin jgħaddu sakemm infetħu dawn il-proċeduri. It-trapass ta' dan iż-żmien kollu jitfa' dubji serji kemm effettivament ir-rikorrenti ħassewhom aggravati bl-ordni ta' rekwiżizzjoni.
>
> »8. Wieħed irid jikkunsidra wkoll li s-sidien ħadu lura l-proprjetà in kwistjoni u għalhekk ċertament li kull preġudizzju li setgħu soffrew fil-

passat ġie mitigat. Ġaladarba l-ordni ta' rekwiżizzjoni tneħħiet, l-istat ma għandu ebda setgħa oħra fuq il-fond jew fuq l-okkupanti u jekk *oltre* għall-ordni ta' rekwiżizzjoni l-okkupanti ma kellhom xejn iktar li kien jipproteġihom fil-pussess tal-fond, allura r-rikorrenti kienu ħielsa li jipproċedu sabiex jirkupraw il-fond.

»9. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpens xieraq għall-privazzjoni tal-propjeta' ma għandux ikun il-valur kummerċjali tal-kera tal-fond.

»... … …

5. L-Awtorità tad-Djar ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»Il-Qorti Kostituzzjonali ma tistax tintuża bħala qorti ordinarja biex talloka danni. Hu għalhekk li l-atturi jippruvaw jisvijaw lil kulħadd biex mingħalihom iħalltu dak li hu ta' *indole* civile travestit bħala ta' *indole* kostituzzjonali. Dan hu skorrett u anke għalhekk it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu.

»... … …

»L-atturi fit-tieni talba jħalltu kumpens għall-leżjoni ta' drittijiet fundamentali ma' azzjoni ta' danni. Imma dan mhux permess mill-liġi – l-atturi ma messhom qatt ħalltu waħda mal-oħra. Huma kien messhom għażlu triq waħda. Din il-qorti ma għandhiex tagħti u takkorda danni. Fil-fatt anke fejn il-qorti ssib li jkun hemm sproporzjonalità bejn il-limitazzjonijiet tad-dritt u il-kumpens, l-istess qorti qatt ma tuża il-valur lokatizju fis-suq miftuħ biex tillikwida il-kumpens xieraq biex jispurġa il-leżjoni kostituzzjonali.

»L-atturi ma sofrew xejn u għalhekk it-talbiet kollha għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-atturi.«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

»2. tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-Awtorità tad-Djar tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sitta u ħamsin elf u ħames mitt euro (€56,500) bħala kumpens xieraq lir-rikorrenti, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

»3. l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat b'rabta ma' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti, filwaqt li l-Awtorità tad-Djar għandha tħallas il-kumplament tal-ispejjeż tal-kawża.

»Il-qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex, f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Onor. *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha safejn rilevanti għall-appell ġew imfisra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … …
>
> »Qabel ma tidħol fil-mertu tal-azzjoni, il-qorti tqis li fl-ewwel lok għandha tikkonsidra l-pożizzjoni tal-Avukat tal-Istat f'dawn il-proċeduri, minkejja li ma tqanqlet l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens da parti tal-intimat Avukat tal-Istat. Il-qorti tagħmel riferiment għal dak li jistipula l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, minn fejn jirriżulta li l-mansjoni ġuridika tal-gvern f'kawżi ġudizzjarji hi vestita fil-kap tad-dipartiment konċernat, f'dan il-każ l-Awtorità tad-Djar, li fiż-żmien rilevanti kellha l-mansjoni ġuridika toħroġ ordnijiet ta' rekwiżizzjoni. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi hekk:-
>
>> »"**181B** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni: Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispos-izzjonijiet ta' dan l-artikolu:
>>
>>> »"a. kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-*Accountant General*;
>>>
>>> »"b. kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impjieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
>>>
>>> »"ċ. kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>>
>> »"(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."
>
> »Ir-rikorrenti, permezz tal-azzjoni miġjuba minnhom, qegħdin jikkon-testaw il-fatt li huma spiċċaw f'relazzjoni forzata ta' sidien fil-konfront tal-inkwilini li akkwistaw dawn il-fondi, konsegwenza ta' ordni ta' rekwiżizzjoni li kienet inħarġet fuq il-proprjetà tagħhom mis-Segretarju tad-Djar, u li bis-saħħa tagħhom l-appartamenti mertu ta' dawn il-proċeduri nkrew lil terzi. Il-ħruġ ta' ordnijiet ta' rekwiżizzjoni u ta' derek-wiżizzjoni, u ta' dak kollu li jemani minnhom, inkluż il-ħlas tal-kera rispettiva, kienu regolati mis-Segretarju (illum l-Awtorità) tad-Djar, li hi ukoll intimata f'din il-kawża. Il-qorti għalhekk hi tal-fehma li hi l-Awtorità tad-Djar li għandha twieġeb għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti f'din il-kawża u mhux l-Avukat tal-Istat. Il-qorti hawn tiċċita minn dak li ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato *noe v.* Awtorità tad-Djar *et*:
>
>> »"Din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmelo Grech *et v.* Awtorità tad-Djar *et*, deċiża fit-12 ta' Frar, 2016, fejn din il-qorti osservat hekk fir-rigward:
>>
>>> »"Konvenut f'din il-kawża la huwa l-Awtorità intimata u lanqas l-Avukat Ġenerali; il-konvenut huwa l-Gvern ta' Malta u, jekk għandu jingħata rimedju mill-Gvern ta' Malta, kull ma hu meħtieġ hu illi l-gvern ikun rappreżentat fil-kawża. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk għandux ikun imħarrek l-Avukat Ġenerali jew l-Awtorità intimata, iżda min għandu jidher f'isem il-Gvern ta' Malta. Dwar dan, il-

> liġi, fl-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija ċara: f'isem il-Gvern ta' Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta biss "f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."
>
> »"Fil-każ tal-lum l-ilment tal-atturi huwa dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni, materja llum fil-kompetenza tal-Awtorità intimata li, għalkemm mhix dipartiment tal-gvern, għandha r-responsabbilità ta' setgħat governattivi u għalhekk tintlaqat bl-art. 181B fuq imsemmi.
>
> »"Għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun imħarrek ukoll bħala parti l-Avukat Ġenerali; kull ma kien meħtieġ kienet biss in-notifika tiegħu."

»Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-qorti tqis li l-Avukat tal-Istat m'għandux leġittimazzjoni passiva f'dawn il-proċeduri, *stante* li l-istat hu rappreżentat adegwatament mill-Awtorità tad-Djar.

»… … …

»… … … din il-qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ġew miksura.

»*Ir-Rimedju Xieraq*

»Il-qorti qieset illi mill-atti jirriżulta li hemm sproporzjon mhux raġonevoli bejn l-ammont ta' kera attwalment perċepit mir-rikorrenti, u l-ammont ta' kera li r-rikorrenti setgħu jdaħħlu li kieku dawn il-fondi tpoġġew għall-kiri fis-suq miftuħ tal-proprjetà. Mill-provi jirriżulta li l-valur lokatizju tal-fond numru 56 … kien ta' €310 fis-sena bejn l-1969 u l-1974; €414 bejn l-1974 u l-1979; €860 bejn l-1979 u l-1984; €1,000 bejn l-1984 u l-1989; €1,310 bejn l-1989 u l-1994; €1,724 bejn l-1994 u l-1999; €2,522 bejn l-1999 u l-2002 u €3,086 fl-2002. Dan ifisser potenzjal ta' redditu lokatizju ta' €41,264 li kieku r-rikorrenti kienu liberi li jikru skont ir-rati tas-suq. Minflok, kemm kienet ilha fis-seħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni, ir-rikorrenti kellhom introjtu ta' €6,380.22.

»Fir-rigward tal-appartament numru 67, ir-rikorenti seta' jkollhom introjtu potenzjali ta' €797 fis-sena bejn l-1984 u l-1989; €1,042 fis-sena bejn l-1989 u l-1994; €1,205 fis-sena bejn l-1994 u l-1999; €2,315 fis-sena bejn l-1999 u l-2004; €3,086 fis-sena bejn l-2004 u l-2009; €3,550 fis-sena bejn l-2009 u l-2014; €4,321 fis-sena bejn l-2014 u l-2016 u €4,804 fl-2016. Dan ifisser potenzjal ta' dħul ta' €73,421, iżda, minflok, tul dan il-perijodu kollu r-rikorrenti kellhom introjtu ta' €13,829.28 (il-qorti tirrileva li kuntrarjament għal dak li qalu r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-ordni ta' rekwiżizzjoni fir-rigward ta' dan il-fond ħarġet fl-1984 u għalhekk il-komputazzjoni tat-telf ta' introjtu lokatizju trid tinħadem fuq dan iż-żmien).

»Fir-rigward tal-appartament numru 70, ir-rikorrenti seta' jkollhom introjtu lokatizju potenzjali ta' €258 fis-sena bejn l-1969 u l-1974; €343 fis-sena bejn l-1974 u l-1979; €707 fis-sena bejn l-1979 u l-1984; €788

fis-sena bejn l-1984 u l-1989; €1,030 fis-sena bejn l-1989 u l-1994; €1,192 fis-sena bejn l-1994 u l-1999; €2,289 fis-sena bejn l-1999 u l-2004; €3,052 fis-sena bejn l-2004 u l-2009; €3,052 fis-sena bejn l-2004 u l-2009; €3,510 fis-sena bejn l-2009 u l-2014; €4,273 fis-sena bejn l-2014 u l-2017; u €5,943 fis-sena 2017. Dan ifisser potenzjal ta' dħul fl-ammont ta' €67,057, li minnhom ir-rikorrenti attwalment daħħlu l-ammont ta' €10,313.28 kif jirriżulta mill-provi.

»Dan ifisser li mal-medda tas-snin ir-rikorrenti sostnew telf fl-ammont ta' €181,742 - €30,522.78 (€41,264 + € 73421 + €67,057) – (€6380.22 + €10,313.28 + €13,829.285) = €151,219.22.

»… … …

»Kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti, il-qorti kkonsidrat il-fattur tat-telf materjali li dawn ġarrbu tul dawn l-aħħar snin, il-fatt li kien konsegwenza tal-intervent leġiżlattiv tal-Istat Malti li dawn sfaw ipprivati mill-proprjetà tagħhom għal dawn is-snin kollha, kif ukoll il-piż inordnat li għal dawn is-snin ġarrew waħedhom ir-rikorrenti wara li l-istat naqas li jipprovdi sistema aħjar għal min għandu bżonn l-akkomodazzjoni soċjali f'pajjiżna.

»Il-qorti ttenni li d-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kost-ituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna. Għar-rigward tal-*quantum* tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu. Minkejja dan, hemm numru ta' fatturi li din il-qorti kkonsidrat qabel waslet għal-likwidazzjoni tad-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti, fosthom il-fatt li kieku dan il-fond inkera fis-suq miftuħ tal-proprjetà, id-dħul li kienu jdaħħlu r-rikorrenti kien iqarreb il-mitejn elf euro, u l-fatt li għal diversi snin it-talbiet tar-rikorrenti sabiex tinħareġ ordni ta' derekwiżizzjoni u l-fond jingħata lura lilhom waqgħet fuq widnejn torox.

»Il-qorti tqis li f'dan il-każ għandhom jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, u dan in vista tal-fatt li l-vjolazzjoni tar-rikorrenti ġejja mill-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jemenda l-qafas legali li jirregola sitwazzjonijiet bħal dik li sabu ruħhom fiha r-rikorrenti bħala sidien tal-proprjetà u dan minkejja t-titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordnat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.

»Il-qorti tqis li kumpens pekunjarju fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000) u kumpens non-pekunjarju li jammonta għal elf u ħames mitt euro (€1,500) għandu jkun kumpens xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimata Awtorità tad-Djar.«

8. L-atturi appellaw b'rikors tal-15 ta' Frar 2022 li għalih wieġbu l-Awtorità tad-Djar fl-14 ta' Marzu 2022 u l-Avukat tal-Istat fil-25 ta' Marzu 2022.

9. L-ewwel aggravju jolqot il-ħelsien tal-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju u ġie mfisser hekk:

> »… … … l-esponenti hija tal-fehma li l-avukat tal-istat ma setax jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dana proprju in vista' ta' dak li jinsab deċiż permezz ta' każistika, din id-darba deċiża minn dina l-qorti, li hija wkoll pjenament applikabbli għall-fatti tal-każ odjern.
>
> »L-esponenti hija tal-fehma li għall-fatti hawn fuq riportati kemm l-Istat Malti kif rappreżentat mill-Avukat tal-Istat u kif ukoll l-awtorità intimata għandhom jinżammu responsabbli u dana peress li jekk l-awtorità (dak iż-żmien *tramite* d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali) applikat il-liġi b'mod leżiv għad-drittijiet tal-esponenti u b'konsegwenzi li għadhom jinħassu s'issa, tali leżjoni hija wkoll naxxenti mil-liġi applikabbli f'tali żmien li kienet tipprovdi għar-rekwiżizzjoni ta' fondi *tramite* kera li ma tirriflettix il-valur tas-suq.
>
> »… … …
>
> »L-esponenti hija tal-fehma li … l-Avukat tal-Istat ma kellux jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dana proprju għaliex huwa wkoll il-leġittimu kuntradittur fil-każ odjern … . …
>
> »Konsegwentement għal dan huwa ċar li kemm l-Awtorità għad-Djar u kif ukoll l-Avukat Ġenerali għandhom jinżammu responsabbli *in solidum* għall-kumpens spettanti lill-esponenti. Għalhekk ukoll l-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali għandhom jiġu sofferti minnu interament jew, fin-nuqqas, mill-istess Awtorità tad-Djar.«

10. L-Awtorità tad-Djar wieġbet hekk:

> »… … … l-awtorità esponenti, għalkemm mhux qed tappella hija stess fuq dan il-punt, in linea ta' sottomissjoni ġenerali tisħaq illi hija m'hijiex leġislatur u sa fejn il-lanjanzi tar-rikorrenti huma frott tal-operat ta' liġi jew liġijiet tal-istat, l-awtorità mhijiex leġittimu kontradittur. Filwaqt li huwa veru li kienu l-predeċessuri tal-awtorità li kienu muniti bil-poter li joħorġu l-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni, huwa daqstant veru li l-fakoltà li proprjetà privata tiġi rekwiżizzjonata kienet fuq kollox fakoltà naxxenti mill-liġi liema liġi ovvjament ma ġietx promulgata mill-awtorità iżda mill-istat. … … …
>
> »… … …
>
> »Dan magħdud, l-awtorità tirrimetti ruħha dwar dan it-tieni aggravju tar-rikorrenti.«

11. L-Avukat tal-Istat iwieġeb hekk:

> »… … …
>
> »… … … il-leġislatur ried li f'kull każ li fih waħda mill-partijiet tkun il-gvern, dik ir-rappreżentanza tkun prinċipalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat

> Ġenerali, li dejjem u f'kull każ irid jiġi wkoll notifikat bl-atti ġudizzjarji li jitressqu kontra l-gvern ... ... ...
>
> »Fil-każ odjern hija l-Awtorità tad-Djar li bħala awtorità hija unikament responsabbli għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' rekwiżizzjoni. L-esponenti jisħaq li peress li m'għandux mansjoni li joħroġ ordnijiet ta' rekwiż-izzjoni u lanqas qiegħda tiġi attakkata xi disposizzjoni tal-liġi partikolari kienet korretta l-ewwel qorti meta illiberat lill-esponent mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex huwa evidenti li bil-preżenza tal-awtorità f'din il-kawża, il-ġudizzju huwa integru.
>
> »… … …
>
> »Għalhekk, la darba jeżisti, f'dan il-każ, kap tad-dipartiment, il-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali bħala intimat hija irritwali, u għandu jiġi liberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju.
>
> »Għalhekk anke fid-dawl ta' dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn il-proċeduri huma biżżejjed integri bil-preżenza tal-Awtorità tad-Djar waħedha tenut kont tal-fatt li l-ewwel qorti ma iddikjaratx espressament fid-*decide* li l-liġijiet in kwistjoni huma anti-kostituzzjonali. Għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.«

12. Tassew illi l-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni nħarġu mis-Segretarju tad-Djar, predeċessur tal-awtorità konvenuta. Iżda l-ksur tad-drittijiet tal-atturi ma seħħx tant minħabba r-rekwiżizzjonijiet iżda minħabba fil-liġijiet li jikkon-trollaw il-kera u għalhekk ma ħallewx illi s-sidien jitħallsu kera xieraq. Fil-fatt ma ntweriex illi s-setgħa ta' rekwiżizzjoni, *per se*, hija bi ksur tad-drittijiet tas-sidien, jew illi ma kienx meħtieġ fiċ-ċirkostanzi soċjali taż-żmien relevanti li jinħarġu l-ordnijiet, jew li ma kienx hemm ħtieġa soċjali fil-każijiet partikolari. Għalkemm l-awtorità tħarrket sew, għax kien il-pre-deċessur tagħha li għabba l-proprjetajiet b'kirjiet kontrollati, iżda ċerta-ment kellu jkun parti wkoll l-Avukat tal-Istat billi huwa dan illi jwieġeb meta l-ksur ta' drittijiet iseħħ minħabba fit-tħaddim ta' liġi, speċifikament f'dan il-każ il-liġi li tikkontrolla l-kera u tgħid liema hu l-ogħla kera li s-sid jista' jirċievi.

13. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa', u l-ħelsien tal-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju jitħassar.

14. It-tieni aggravju jolqot il-*quantum* tad-danni.

15. Fl-interess tal-prevedibilità u tal-uniformità fid-deċiżjonijiet, din il-qorti wara s-sentenza ta' Cauchi *v.* Malta[1] mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021 adottat il-kriterji li tagħti dik is-sentenza u jkun tajjeb li dawn jibqgħu jitħarsu. Għalkemm huwa minnu li t-tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) u għoxrin fil-mija (20%) mill-kera fis-suq ħieles kif jingħad f'Cauchi huwa biss indikattiv u mhux regola li torbot, madankollu jixraq illi tinżamm uniformità fid-deċiżjonijiet u ma jsirx tibdil jekk mhux għal raġunijiet li jkunu speċifiċi għall-każ partikolari.

16. L-ewwel qorti sabet ksur tad-drittijiet tal-atturi taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Għalhekk id-*dies a quo* għall-għanijiet tal-likwidazjoni tal-kumpens għandu jkun it-30 t'April 1987, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"]. Dan ma huwiex ħlief applikazzjoni sempliċi tal-art. 7 tal-Kap. 319 li ma fih ebda ambigwità.

17. Maħdum bil-kriterji ta' Cauchi, u wara li tqis dak li daħħlu jew setgħu jdaħħlu l-atturi, it-telf li ġarrbu l-atturi huwa qrib sitta u sebgħin elf euro (≈ €76,000), kollox kif muri fi Skeda A mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha. Naturalment, il-fatt li llum il-proprjetajiet jinsabu lura f'idejn is-sidien ma jsewwix id-danni li ġarrbu qabel.

18. Ma' dan l-ammont għandu jiżdied il-kumpens non-pekunjarju.

19. Meta tqis iż-żmien kemm ilu jseħħ il-ksur tad-drittijiet tal-atturi u tqis ukoll illi dan il-ksur jolqot tliet proprjetajiet mhux waħda, il-qorti hija tal-fehma illi

[1] Cauchi *v.* Malta (rik. 14013/19), Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021

s-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) likwidata mill-ewwel qorti bħala danni non-pekunjarji hija ftit, u jkun aktar xieraq kumpens ta' tnax-il elf euro (€12,000).

20. Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fis-somma ta' tmienja u tmenin elf euro (€88,000) b'kollox.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll iżda tħassarha fejn ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju u illikwidat id-danni fis-somma ta' sitta u ħamsin elf u ħames mitt euro (€56,500); minflok, tiddikjara illi l-Avukat tal-istat kien imħarrek sew, tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fis-somma ta' tmienja u tmenin elf euro (€88,000) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu din is-somma b'sodisfazzjon sħiħ tal-pretensjonijiet tal-atturi.

22. L-ispejjeż, kemm ta' dan l-appell kif ukoll dawk tal-ewwel grad, iħallsuhom l-Avukat tal-Istat u l-Awtorità tad-Djar flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

## Skeda A

Appartament nru 56

| Sena | kera xieraq | kera li daħħal jew seta' daħħlu l-atturi | |
|---|---|---|---|
| | € | € | |
| 1987 | 666.67 | 128.89 | * |
| 1988 | 1,000.00 | 193.34 | |
| 1989 | 1,310.00 | 193.34 | |
| 1990 | 1,310.00 | 193.34 | |
| 1991 | 1,310.00 | 193.34 | |
| 1992 | 1,310.00 | 193.34 | |
| 1993 | 1,310.00 | 193.34 | |
| 1994 | 1,724.00 | 193.34 | |
| 1995 | 1,724.00 | 193.34 | |
| 1996 | 1,724.00 | 193.34 | |
| 1997 | 1,724.00 | 193.34 | |
| 1998 | 1,724.00 | 193.34 | |
| 1999 | 2,522.00 | 193.34 | |
| 2000 | 2,522.00 | 193.34 | |
| 2001 | 2,522.00 | 193.34 | |
| 2002 | 2,522.00 | 193.34 | |
| | 26,924.67 | 3,028.99 | |

| | |
|---|---|
| - 30% = | 18,847.27 |
| - 20% = | 15,077.81 |
| naqqas | 3,028.99 |
| Jifdal | 12,048.82 |

* tmien xhur

**Skeda A** (tkompli)

Appartament nru 67

| Sena | kera xieraq | kera li daħħal jew seta' daħħlu l-atturi | |
|---|---|---|---|
| | € | € | |
| 1987 | 531.33 | 196.16 | * |
| 1988 | 797.00 | 294.24 | |
| 1989 | 1,042.00 | 294.24 | |
| 1990 | 1,042.00 | 294.24 | |
| 1991 | 1,042.00 | 294.24 | |
| 1992 | 1,042.00 | 294.24 | |
| 1993 | 1,042.00 | 294.24 | |
| 1994 | 1,205.00 | 294.24 | |
| 1995 | 1,205.00 | 294.24 | |
| 1996 | 1,205.00 | 294.24 | |
| 1997 | 1,205.00 | 294.24 | |
| 1998 | 1,205.00 | 294.24 | |
| 1999 | 2,315.00 | 294.24 | |
| 2000 | 2,315.00 | 294.24 | |
| 2001 | 2,315.00 | 294.24 | |
| 2002 | 2,315.00 | 294.24 | |
| 2003 | 2,315.00 | 294.24 | |
| 2004 | 3,086.00 | 294.24 | |
| 2005 | 3,086.00 | 294.24 | |
| 2006 | 3,086.00 | 294.24 | |
| 2007 | 3,086.00 | 294.24 | |
| 2008 | 3,086.00 | 294.24 | |
| 2009 | 3,550.00 | 294.24 | |
| 2010 | 3,550.00 | 294.24 | |
| 2011 | 3,550.00 | 294.24 | |
| 2012 | 3,550.00 | 294.24 | |
| 2013 | 3,550.00 | 313.83 | |
| 2014 | 4,321.00 | 313.83 | |
| 2015 | 4,321.00 | 313.83 | |
| 2016 | 2,880.67 | 213.54 | * |
| | 68,841.00 | 8,707.19 | |

| | |
|---|---|
| - 30% = | 48,188.70 |
| - 20% = | 38,550.96 |
| naqqas | 8,707.19 |
| Jifdal | 29,843.77 |

* tmien xhur

**Skeda A** (tkompli)

Appartament nru 70

| Sena | kera xieraq | kera li daħħal jew seta' daħħlu l-atturi | |
|---|---|---|---|
| | € | € | |
| 1987 | 525.33 | 143.23 | * |
| 1988 | 788.00 | 214.86 | |
| 1989 | 1,030.00 | 214.86 | |
| 1990 | 1,030.00 | 214.86 | |
| 1991 | 1,030.00 | 214.86 | |
| 1992 | 1,030.00 | 214.86 | |
| 1993 | 1,030.00 | 214.86 | |
| 1994 | 1,192.00 | 214.86 | |
| 1995 | 1,192.00 | 214.86 | |
| 1996 | 1,192.00 | 214.86 | |
| 1997 | 1,192.00 | 214.86 | |
| 1998 | 1,192.00 | 214.86 | |
| 1999 | 2,289.00 | 214.86 | |
| 2000 | 2,289.00 | 214.86 | |
| 2001 | 2,289.00 | 214.86 | |
| 2002 | 2,289.00 | 214.86 | |
| 2003 | 2,289.00 | 214.86 | |
| 2004 | 3,052.00 | 214.86 | |
| 2005 | 3,052.00 | 214.86 | |
| 2006 | 3,052.00 | 214.86 | |
| 2007 | 3,052.00 | 214.86 | |
| 2008 | 3,052.00 | 214.86 | |
| 2009 | 3,510.00 | 214.86 | |
| 2010 | 3,510.00 | 214.86 | |
| 2011 | 3,510.00 | 214.86 | |
| 2012 | 3,510.00 | 214.86 | |
| 2013 | 3,510.00 | 229.17 | |
| 2014 | 4,273.00 | 229.17 | |
| 2015 | 4,321.00 | 229.17 | |
| 2016 | 4,321.00 | 233.90 | |
| 2017 | 3,240.75 | 175.42 | ** |
| | 72,834.08 | 6,611.56 | |

| | |
|---|---|
| - 30% = | 50,983.86 |
| - 20% = | 40,787.09 |
| naqqas | 6,611.56 |
| Jifdal | 34,175.52 |

* tmien xhur

** disa' xhur

**Skeda A** (tkompli)

| | |
|---|---|
| Telf fuq appt 56 | 12,048.82 |
| Telf fuq appt 67 | 29,843.77 |
| Telf fuq appt 70 | 34,175.52 |
| B'kollox | 76,068.12 |

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da